BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

5 ta' Mejju, 2010

# Minuti tal-laqgha 42(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 42(05) fl-ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar l-Erbgha 14 t' April, 2010 fis-6 ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera u s-Sur Ivan Peresso – Kunsillier.

Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar inghaqad ghal-laqgha fis-6.30 ta' filghaxija.

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Item 2.4(41/05) Skema ta' ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li tul is-sena jilqghu fihom attivitajiet fuq skala nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Centrali

Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiement ghall-Gvern Lokali, Dr Natalino Attard, fejn informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni ta' l-istess Kunsill taht l-iskema ta' ghajnuna lill-Kunsilli li tul is-sena jilqghu fihom attivitajiet fuq skala nazzjonali fil-lokalita taghhom u li jkunu organizzati esklussivament mill-Gvern Centrali. Attivitajiet in konnessjoni ma' Jum il-Helsien, giet accettata u l-Kunsill ser jibbenefika bl-ammont totali ta' €4,900 mqassmin €4,400 fuq xoghlijiet fi Triq Marzu 79, li jinkludu xoghlijiet ta' brix, tikhil u tibjid tac-cint, xoghol ta' zebgha tal-arbli bil-materjal u zebgha tas-sinjali tat-traffiku u tabelli, kif ukoll €500 ghal xoghlijiet ta' tindif. Is-Sindku zied jghid li x-xoghlijiet taz-zebgha ta' l-arbli ma sarx u mhux ser isir qabel ma jsir manutenzjoni sew fuq l-arbli.

1.2 Item 2.9(41/05) Skema tax-xoghol fil-komunita mahruga mill-ETC.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jigi assenjat tlett (3) haddiema ohra taht din l-iskema ta' xoghol mahruga mill-ETC.

1.3 Item 3(41/05) Xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-latrina pubblika li tinsab f'Sally Porte, il-Birgu.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ta rendikont tax-xoghlijiet ta' manutenzjoni li saru fil-latrina pubblika li tinsab f'Sally Porte fil-post maghruf bhala 't-Toqba' u li issa jinsabu lesti. Is-Sindku zied jghid li sid il-bar tal-klabb tar-Regatta ser jiehu hsieb it-tindif ta' dawn il-latrini. Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni ghal CCTV camera minghand il-kumpanija GHS Security Services (Malta) Ltd ghal prezz ta' €713.31. Wara diskussjoni, s-Sur John Boxall, issuggerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din il-kwotazzjoni u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Item 4(41/05) Taghrif dwar l-attivita ta' Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha.

Is-Sindku qal li l-attivita ta' 'Hamis ix-Xirka fid-Dawl tax-Xemgha fil-Birgu' kienet saret u ghaliha kien hawn attendenza tajba. Wara diskussjoni l-Kunsilliera Miriam Grech issuggeriet sabiex din l-attivita tibqa' ssir izda minflok tibda ssir fl-Erbgha tat-Tniebri jigifieri lejliet Hamis ix-Xirka. Is-Sur John Boxall, Sindku, ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Item 6(41/05) Harga Kulturali ghal Ghawdex

Il-Kunsilliera Judith Saliba qalet li s'issa kien hemm rispons tajjeb ghal partecipazzjoni mir-residenti ghal din il-harga kulturali ghal Ghawdex. Barra minn hekk, is-Sinjura Saliba qalet li hemm talba sabiex jattendu anke t-tfal u ghaldaqstant issuggeriet li t-tfal ihallsu €9. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku pprezenta email mill-Assoccjazzjoni AVEC dwar progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taht is-sejha Culture 2007-2013 bl-isem "I AM – International Arts Map", fejn il-lead partner ta' dan il-progett hija l-belt ta' Cosenza fl-Italja. Is-Sindku, s-Sur John Boxall, zied jghid li l-Kunsill wera interess sabiex jissieheb f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Professur Giovanni Lobrano, Segretarju tal-Assoccjazzjoni ta' l-Ibliet Storici fil-Mediterran, fejn informa lill-Kunsill li l-konferenza li jmiss ta' din l-Assoccjazzjoni ser issir bejn il-21 u t-22 ta' Mejju 2010 gewwa Orihuela fi Spanja. Is-Sindku zied jghid li l-ispejjez ta' wiehed mir-rapprezentanti ser ikunu mhallsin mill-kumitat organizzattiv ta' din il-konferenza izda din il-konferenza ser tkun bil-Franciz u Spanjol. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jattendi ghal din il-konferenza izda hemm bzonn interpretu u ghaldaqstant issuggerixxa sabiex tattendi wkoll is-Sinjorina Lara Gatt li taf titkellem il-lingwa Spanjola. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sindku pprezenta Memo51/2010 mahruga mid-Dipartiment ghall-Kunsilli Lokali fejn informa lill-Kunsill li s-Segretarjat Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali flimkien mal-*'Malta Communications Authority'* ser iniehdu progett li l-ghan tieghu hu li jtejjeb l-access ghall-internet lir-residenti fil-lokalitajiet ta' Malta u Ghawdex u ghaldaqstant il-Kunsilli Lokali nteressati huma mitluba sabiex jibghatu s-suggerimenti taghhom ghaz-zoni ta' *'WiFi access points'*. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ssuggerixxa li l-*'WiFi access points'* ikunu: Couvre Porte, Gnien Fuq tal-Hawli, Misrah ir-Rebha, Berga ta' Franza, Berga tal-Ingilterra u l-Belvedere fi Triq La Vallette. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ittra minghand Dr Marcel Martinelli, *'Senior General Practitioner'* fic-Centru tas-Sahha ta' Bormla, fejn talab sabiex il-parti t'isfel tal-Berga tal-Ingilterra ssir Berga tas-sahha ghar-residenti tal-Birgu. Wara diskussjoni il-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li din it-talba ghandha tigi milqugha.
Barra minn hekk is-Sindku zied jghid li Dr Martinelli ghan-nom tac-Centru tas-Sahha ta' Bormla, talab ukoll sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu flimkien mal-Kunsilli Lokali tal-Kottonera joffru donazzjoni ta' €2000 rispettivament sabiex jigi rrangat it-tarag tac-Centru. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex jittiehed parir ulterjuri. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni mill-kumpanija Future Focus sabiex din il-kumpanija tkun il-konsulent tal-Kunsill sabiex l-istess Kunsill jippartecipa fis-sejha *"ERDF Investing in Competitiveness for a better quality of life"* ghal prezz ta' €500. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Is-Sindku pprezenta applikazzjoni fi hdan is-sejha "Italia-Malta programme" ghal progett bil-kollaborazzjoni tal-Fondazzjoni Temi Zammit il-progett *"Knights – Knowing and Investing in Gerosolimitan Heritage for Territorial Sustainability",* fejn il-ko-finanzjament ghal dan il-progett huwa ta' €25,120. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jaghmel l-applikazzjoni ta' dan il-progett. Dwar dan is-suggeriment kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ‘draft’ tal-poster tal-attivita “Birgufest 2010” ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera prezenti, fejn wara diskussjoni kien hemm qbil dwar xi tibdiliet zghar u dan gie approvat.

2.8 Ittra mibghuta lil Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghal Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn il-Kunsill talab sabiex tigi mpjegata persuna fuq bazi part-time bil-possibilita li aktar ‘il quddiem tigi mpjegata fuq bazi full-time, persuna biex tiehu hsieb il-progetti tal-Unjoni Ewropea u x-xoghol kollu relatat maghhom, kif ukoll sabiex jinghata l-finanzjament relatat ma’ dan l-impjieg min-naha tas-Segretarjat.

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta ‘website service agreement’ mibghut mill-kumpanija JCM Webs, il-kumpanija li ddisinjat il-website tal-Kunsill Lokali tal-Birgu u ssuggerew li jinghata servizz ta’ 10 sieghat fis-sena ghal prezz ta’ €413 jew 20 siegha fis-sena ghal prezz ta’ €708, jew 50 siegha ghal prezz ta’ €1,475 jew 100 siegha ghal prezz ta’ €2,360.
Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel is-servizz ta’ 20 siegha fis-sena ghal prezz ta’ €708, izda jekk hu possibbli x-xoghol isir fl-ufficini tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

3. **<u>Decizjoni ghas-servizz ta’ Contracts Manager ghat-tisbieh mill-gdid tal-Berga ta’ Franza</u>**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lill-Kunsill li s-sejha ghas-servizz ta’ ‘Contracts Manager’ ghat-tisbieh mill-gdid tal-Berga ta’ Franza ghalqet fit-30 ta’ Marzu 2010 u ghaliha gew sottomessi zewg applikazzjonijiet, dik tas-Sur Marc Zimmermann ghal prezz ta’ €37.50 fis-siegha u dik tas-Sur Charles Farrugia ghal prezz ta’ €107 fis-siegha.
Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill ghalkemm jara li l-aktar offerta vantaguzza kienet tas-sur Mark Zimmerman izda l-Kunsill ghandu jistenna l-approvazjoni tal-finanzjament tax-xoghlijiet qabel ma jaghti l-apporvazjoni tieghu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

4. **<u>Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta’ ‘electrical engineer’ ghall-Kunsill Lokali</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-sejha ghas-servizz ta’ ‘electrical engineer’ ghall-Kunsill ghalqet fit-30 ta’ Marzu 2010 u ghaliha gew sottomessi tlett applikazzjonijiet li kienu, dik tas-Sur Stephen Buttigieg ghal prezz ta’ €20 fis-siegha, dik tas-Sur Victor Bonello ghal prezz ta’ €35 fis-siegha u dik tas-Sur Renzo Curmi ghal prezz ta’ €35 fis-siegha.

Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa li ghalkemm l-irhas offerta kienet tas-Sur Buttigieg din ma kinitx tilhaq r-requirements mitluba u ghaldaqstant issuggerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova l-applikazzjoni tas-Sur Renzo Curmi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5. <u>Zvilupp dwar ix-xoghlijiet fil-Berga ta' Franza</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, ta rendikont tax-xoghlijiet li qed isiru fil-Berga ta' Franza. :

## 6. <u>Affarijiet ohra</u>

Is-Sindku ressaq ghal approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mil-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona sabiex din il-lista tigi approvata. Is-sur Christopher Cassar, Vici Sindku ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-8.30 ta' filghaxija u gie deciz li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar l-Erbgha 12 ta' Mejju 2010 fis-6 ta' filghaxija.

____________________________
Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

____________________________
ikkonfermati John Boxall
Sindku



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva